Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (INFERJURI) MALTA

**ONOR. IMHALLEF SCIBERRAS PHILIP LL.D.**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili Numru. 1519/1999/1

**Mirabel Distributors Limited**

**vs**

**Emanuel Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat it-talba ts-socjeta' attrici li permezz taghha talbet il-hlas ta' sitt mija u seba' u sebghin liri Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm677.22,0) rapprezentanti l-bilanc fuq bejgh lill-konvenut ta' minerali u prodotti ohra tad-ditta Simons Farsons Cisk plc ghall-uzu mill-istess konvenut fi Springfields Hotel, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

Rat a fol 5 l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:-

*"1. Illi preliminarjament l-esponent mhux il-legittimu kontradittur tal-attur;*

*2. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, mhux il-kaz illi, fil-fakolta li jezercita l-ecipjent ta' Direttur tas-Socjeta' Springfield Co. Ltd., huwa jew agenti tieghu, ma ridux li jhallsu kwalunkwe ammont li jista jkun dovut izda huwa tort ta' nuqqas tal-attur jew agenti tieghu li kull meta gew avvicinati, u mitluba rendikont shih tal-ammont minnhom reklamat dawn dejjem naqsu milli jfornu l-istess u ghal liema raguni l-konvenut nomine ma ghandux ibghati l-ebda spejjes u imghaxijiet;*

*3. Salv eccezzjonijiet ohra."*

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-7 ta' Novembru 2001 li permezz taghha laqghet it-talba attrici fis-somma ta' erba' mija u seba' u sebghin lira u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm477.22,0) bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi. Dan wara li kkonsidrat:-

"*Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:*

*1. Illi ai termini tad-dokumenti pprezentati mis-socejta' attrici l-istess socjeta' qed tippretendi l-ammont indikat fl-avviz odjern mill-konvenut ghall-konsenja ta' minerali lill-istess konvenut fil-perjodu ndikat fl-istess rezokont, (ara fol 11);*

*2. Illi l-konsenji lill-konvenut kienu jsiru mis-"salesman" tas-socjeta' attrici li wara li jinhatt ix-xoghol ghand il-konvenut dan jigi debitament verifikat u l-persuna responsabbli li tircievi din il-merkanzija f'isem il-konvenut jiffirma li ha l-istess merkanzija fil-pussess tieghu;*

*3. Illi din tidher li kienet sistema accettata regolarment miz-zewg partijiet;*

*4. Illi l-konvenut ghadu ma hallasx ghall-merkanzija minnhu ricevuta;*

*Ikkonsidrat:*

*Illi jidher li din is-sistema kienet ilha tigi operata bejn il-konvenuti;*

*Illi jidher li kienet sistema prattika li permezz taghha z-zewg nahat kienu sodisfatti;*

*Ikkonsidrat:*

*Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta bis-segwenti:*

*1. Illi s-socjeta’ attrici ikkonsenjat il-merkanzija meritu ta’ din il-procedura;*

*2. Illi din il-konsenja dejjem saret lill-konvenut jew rapprezentanti tieghu skond id-dokumenti esebiti;*

*3. Illi l-istess konvenut ibbenefika minn din il-konsenja statne li l-merkanzija lilhu mghoddija utilizzha;*

*4. Illi ghadu ma hallasx l-ammonti minnhu dovuti lill-istess socjeta’ attrici;*

*Ikkonsidrat:*

*Illi di piu giet ipprezentata nota ta’ riduzzjoni datata 26 t’ April tas-sena 2001 fejn it-talba giet hemm ridotta stante pagament fil-mori tal-kawza*”.

Rat ir-rikors li bih il-konvenut appella minn dik is-sentenza u talab li tigi revokata billi invece jigu milqugha l-eccezzjonijiet tieghu.

Il-konvenut qed jimpunja s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti fuq il-bazi ta’ dawn l-aggravji:-

(i) Il-Qorti kienet zbaljata meta kkonsidratu bhala l-legittimu kontradittur u dan billi, skond hu, kienu tressqu provi li juru li hu jiggestixxi n-negozju tieghu in rapprezentanza tas-socjeta’ Springfield Company Limited;

(ii) Gjaladarba hu ma kienx il-firmatarju fuq l-invoices esebiti mis-socjeta’ attrici allura mhux dovut ihallas fuq il-bazi ta’ dawn l-invoices u ghal konsenji li hu ma rceviex.

(iii) Ma kienx minnu li fil-mori tal-kawza ghamel xi pagament;

(iv) Kieku s-socjeta’ attrici baghtitlu l-invoices kieku l-kwestjoni relattiva ghal firem kienet tqum malli kien jircevihom u mhux waqt il-kors tal-proceduri.

Din il-Qorti tikkonsidra dawn l-aggravji ‘seriatim’, fl-istess ordni li gew sollevati:-

(1) Saru frekwenti l-kawzi fejn persuna azzjonata ghal hlas titrincera ruhha wara l-eccezzjoni li ma hiex il-legittimu kontradittur. Kif gie osservat “*certi kazijieit huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji. Fejn hemm dubbju pero’, wiehed kellu jippresumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet hekk qed taghmel f’isimha proprju*” – “**Lawrence Formosa et noe –vs- Silvio Felice**”, Appell, 6 ta’ Ottubru 1999.

Issokta jigi sostenut illi “*biex ikun diversament kien jispetta lill-appellanti li jipproducu provi konklussivi in sostenn tal-pretensjoni taghhom proprju biex jistabilixxu illi dak li kellu jigi prima facie prezunt mic-cirkostanzi materjali li fihom sar in-negozju …… ma kienux jirrispekkjaw il-verita’ ghaliex fil-verita’ n-negozju kien sar ma’ haddiehor*” – “**John Vella nomine –vs- Anthony sive Mario Anthony Vella et**”, Appell, 3 ta’ Dicembru 1999.

Bhal fil-kaz tal-konkluzjoni raggunta fid-decizjonijiet fl-ismijiet “**Joseph Chetcuti nomine -vs- Peter Paul Camilleri**”, Appell, 4 ta’ Dicembru 1988; “**Anthony Caruana et –vs- John Magro et**”, Appell, 6 ta’ Ottubru 1999, u l-ohrajn referenzjati fihom, “*din il-Qorti jidhrilha li l-konvenut m rnexxilux jipprova sodisfacentement li hu mhux obbligat personalment li jhallas il-kreditu tas-socjeta’ attrici. Fi kliem iehor ma jirrizultax sodisfacentement li meta l-konvenut innegozja mas-socjeta’ attrici ‘a tempo vergine’ hu gab a konjizzjoni taghha li hu kien qieghed*

*jixtri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' u li din is-socjeta' biss kienet obbligata ghal hlas*."

Jekk wiehed jezamina d-deposizzjonijiet tal-konvenut (fol 44) u ta' martu (fol 20) imkien ma nsibu zmentita, lanqas wahda minimali, illi hu ikkuntratta f'isem xi entita' guridika separata u mhux in veste personali. L-uniku accenn ghall-ezistenza tal-kumpanija bl-isem "Springfields" sar minn binthom Joan Zammit (fol 47) izda dan wahdu ma jipprovax illi meta saret il-kontrattazzjoni jew negozju dan sar ghas-socjeta' gestita mill-konvenut u fuq kollox, li s-socjeta' attrici kienet konsapevoli tal-fatt illi min ipjazza l-ordnijiet maghha hu kien f'dak il-mument jagixxi in rappresentanza tas-socjeta'. Din kellha tkun il-prova kuntrarja li htiegilha ssir.

L-appellanti jsostni li tant ir-relazzjoni guridika ma kienetx wahda personali, u tant is-socjeta' attrici kienet konxja ta' dan, li dan hu sahansitra evidenzjat mill-fatt illi l-istess statements tas-socjeta' attrici huma intestati "Springfields Hotel" u mhux "Emanuel Zammit". Ghal dan l-argument twiegeb tajjeb id-decizjoni fl-ismijiet "**Joseph Grech –vs- Domenico Savio maghruf bhala Savio Spiteri et**", Appell, 25 ta' Mejju 2001. Fiha ntqal dan:-

"*Anke hawn din il-Qorti ma tarax li l-appellanti jistghu jsostnu eccezzjoni ta' din ix-xorta (dwar li ma kienx il-legittimu kontradittur) fuq il-provi li jirrizultaw mill-atti. Iz-zewg invoices li fuqhom l-attur qed jibbaza l-azzjoni tieghu juru li l-merkanzija giet konsenjata fil-lokal Gourmet Xlendi. M'hemm l-ebda indikazzjoni li l-merkanzija giet konsenjata u accettata minn xi socjeta' kif jallega l-konvenut appellant*."

Minn dak fuq dedott l-aggravju hekk interpost mill-konvenut huwa manifestament insostenibbli Dan ighodd ukoll fir-rigward ta' l-aggravji l-ohra.

(2) Fuq il-kwestjoni tal-firem fuq l-invoices l-attur strah soventement fuq id-disdetta tieghu minghajr ma ghamel xejn aktar u dan nonostante li issa in sede appell accenna ghal falsita' ta' dawn il-firem. Din il-prova tal-falsita' naqas

li jaghmilha.  Tali prova kienet tispetta lilu gjaladarba giet allegata minnu. Din il-prova htigilha tkun aktar sostanzjata minn dik semplici tal-gurament tieghu jew ta' membri ohra tal-familja tieghu.  Multo magis, imbaghad, meta l-istess martu weriet in kontro-ezami li kellha ripensament ghall-anqas dwar invoice minnhom.  Fir-rigward ta' l-ohrajn din il-Qorti hi sodisfatta illi l-firma apportata fuqhom tikkombaccja fix-xebh ma' dik li hemm fl-ezemplari tal-fatturi esebiti mix-xhud Pierre Galea fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2000.

(3) Fuq it-tielet aggravju tal-hlas akkont ta' somma fil-mori tal-kawza, dak ritenut mill-appellant ma jsibx konferma mill-provi fl-atti processwali.  Kieku tabilhaqq il-konvenut ried jaghti spjega dwar dan il-hlas biex iI-Qorti ta' l-ewwel grad ma tkunx, skond kliemu, "zvijata", messu ghamel dan quddiem dik l-istess qorti fis-seduta li fiha giet intavolata n-Nota ta' riduzzjoni jew fis-seduta sussegwenti.  Bhala Qorti ta' revizjoni din il-Qorti ma tistax taccetta spjegazzjonijiet dwar fatti jew aspetti li fil-process ma jirrizultawlhiex.

(4) Dwar l-ahhar aggravju li l-invoices ma gewx spediti lill-appellant mis-socjeta' attrici jkun futili li din il-Qorti toqghod tiddilunga fuqu gjaladarba l-konkluzjoni taghha hi fis-sens li l-fatturi, esebiti minnu fol 27 sa fol 31, jistabilixxu li l-firmatarju taghhom hu l-istess konvenut appellant.  Del resto wkoll la l-konvenut u lanqas ix-xhieda prodotti minnu ma stqarrew li huma ma rcevewhomx jew ma inghatawx kopji taghhom.

Tenut rigward tac-cirkostanzi kollha din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni biex b'xi mod tiddisturba l-konkluzjoni li waslet ghaliha l-Qorti ta' prim'istanza.

Ghal dawn il-motivi l-appell tal-konvenut qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant.

Dep/Reg
cb